**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 29 ta' Settembru 1999**

**Rikors Nru: 26A/96**

**Rose Pace Moore**

**vs**

**Salvu Camilleri u ghal kull interess illi jista' jkollha martu Nathalie Camilleri**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti, wara li ippremetta illi hija tikri lill-intimat ghalqa maghrufa bhala Ta' Farrugia limiti tas-Siggiewi tal-kejl ta' hames tomniet u nofs ekwivalenti ghal 6,182 metri kwadri konfinanti ma' Triq Farrugia jew Triq Provvidenza u dan versu il-qbiela ta' Lm7 fis-sena pagabbli b'lura kull 15 ta' Awissu.

Illi r-rikorrenti ma tixtieqx iggedded il-kirja tal-ghalqa b'effett mill-15 ta' Awissu, 1997 jekk mhux bil-qbiela ta' lm35 fis-sena pagabbli b'lura kull 15 ta' Awissu. Illi l-intimati ma jaqblux ma' dan il-bdil fil-qbiela mixtieq mir-rikorrenti.

Talbet bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu japprova illi l-qbiela ghar-raba fuq imsemmi mikri mir-rikorrenti lill-intimati ghandu jigi awmentat ghal Lm35 fis-sena pagabbli b'lura kull 15 ta' Awissu.

Ra ir-risposta tal-intimati a fol 4 tal-process li permezz taghha, esponew bir-rispett illi l-qbiela ta' Lm7 fis-sena hija l-qbiela gusta u m'hemmx lok biex tigi awmentata;

Illi ma jinkorru l-ebda ragunijiet elenkati mill-ligi fl-artikolu 3(a) tal-Kap 199 biex jinbidlu l-kondizzjonijiet tal-qbiela;

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

Ra id-digriet a fol 6 u 7 tal-process li permezz tieghu gew nominati l-AIC Frederick Valentino u Anthony Mifsud bhala periti teknici.

Ra il-pjanta a fol 16 tal-process esebita b'nota mill-istess rikorrenti u li fuqha hi delineata l-ghalqa in kwistjoni.

Ra ir-relazzjoni tal-istess esperti teknici a fol 19 tal-process.

Ikkunsidra illi kif jidher mill-istess relazzjoni imsemmija li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza, il-qbiela xierqa tar-raba in kwistjoni ghandha tkun ta' Lm19.50,0.

Ghal dawn il-motivi l-Bord jiffissa il-qbiela xierqa tal-ghalqa maghrufa bhala Ta' Farrugia fil-limiti tas-Siggiewi fl-ammont ta' Lm19.50,0 fis-sena pagabbli b'lura kull 15 ta' Awissu u dan b'effett mill-15 ta' Awissu 2000.

In rigward spejjes, dawn jithallsu nofs mir-rikorrenti u nofs mill-intimati.

Alan Calleja
Dep.Reg.